**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 07/15(31_08_15).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 31 ta' Awwissu 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sur Mark Busuttil - *Chairperson*, Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fid-19 ta' Awwissu 2015.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.
6. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
7. Rapport tas-Sindku.
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
9. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
10. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti taż-żewġ laqgħat preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 19/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ħinijiet ta' Ġbir ta' Skart mill-Kunsilli Lokali'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 20/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Pubblikazzjonijiet tal-Kunsilli Lokali/Lista ta' Niċeċ fil-Lokalità'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 21/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'L-Immaniġġjar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (L-*WEEE*) miġbura mill-Kunsilli Lokali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 22/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għax-xahar ta' Diċembru 2015'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 23/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Stedina mill-Ministeru għall-Finanzi – Konsultazzjoni ta' Qabel il-Baġit 2016'.

2.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Agricultural, Industrial & Cultural Society rigward 'Wirja Biedja u Snajja 2015 – 13, 14 u 15 t'Awwissu 2015 - 160 Anniversarju', fil-ġonna pubbliċi ta' Villa Rundle, Victoria, Għawdex.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA l-lista ta' applikazzjonijiet għal Permess ta' Żvilupp fil-lokalità, datata 29 ta' Lulju 2015, sabiex il-Kunsill ikun jista' jibgħat il-kummenti tiegħu.

2.08 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Koperattivi Malta għal 'Sustainable Water Treatment and Nutrient Reuse Options – (SuWaNu) Workshop', fil-21 ta' Awwissu 2015 fil-bini ta' Koperattivi Malta, Ħal Qormi.

2.09 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA l-lista ta' applikazzjonijiet għal Permess ta' Żvilupp fil-lokalità, datata 12 ta' Awwissu 2015, sabiex il-Kunsill ikun jista' jibgħat il-kummenti tiegħu.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex fejn qed titwassal rikjesta uffiċjali mill-Europe Direct Information Centre ta' Victoria, Għawdex rigward 'Proġett fuq l-Għolja ta' Għammar', bit-tema 'Get Into Nature – Plant a Tree'. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jisponsorja siġra jew tnejn u jiġu mħawla f'din l-*area* mis-Sindku jew rappreżentant tal-Kunsill fl-attività tal-5 ta' Novembru 2015.

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tat-52 laqgħa, il-Minuti tal-51 laqgħa li saret fit-13 ta' Ġunju 2015 u l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 37 ta' dan il-Kumitat flimkien ma' kopji ta' ittri li r-Reġjun Għawdex bagħat lil The Guard & Warden Service House Ltd rigward is-*Surveillance Camera* fi Pjazza San Franġisk (Mozzjoni Nru 8), lill-Kummissarju tal-Artijiet rigward *premises* futuri għar-Reġjun Għawdex, lill-Ministru għal Għawdex rigward proposta għall-proġetti ko-finanzjati mill-Ministeru għal Għawdex u lil Gozo LEAP Centre rigward in-nominazzjoni tal-Gozo Regional Committee Representative għal Gozo Regional Development Network, sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

2.12 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kunsill Lokali l-Għarb għall-attività fl-okkażjoni ta' Jum l-Għarb, fid-29 ta' Awwissu 2015.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kunsill Lokali Is-Siġġiewi rigward 'Festa Għeneb fis-Siġġiewi', fit-30 ta' Awwissu 2015.

2.14 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ għall-Attività Kunsilli Lokali Żgħażagħ, fl-10 ta' Settembru 2015, fil-*foyer* tal-binja tal-istess aġenzija, Santa Venera.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA l-lista ta' applikazzjonijiet għal Permess ta' Żvilupp fil-lokalità, datata 2 ta' Settembru 2015, sabiex il-Kunsill ikun jista' jibgħat il-kummenti tiegħu.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Market Surveillance Directorate, Malta Competition & Consumer Affairs Authority rigward 'Use of chemicals in the control of weeds in public places'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva numru ta' mistoqsijiet mingħand newsbook.com rigward in-nuqqas ta' kummerċ fix-Xlendi matul dan is-sajf. Is-Sindku rrimarkat li ma hemm l-ebda provi li l-kummerċ fix-Xlendi matul dan is-sajf naqas.

3.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur Eżekuttiv Fondazzjoni Valletta 2018 rigward Valletta 2018 u s-sit elettroniku www.culturemalta.com. Permezz ta' dan is-sit, wieħed isib l-ispazji li jintużaw għall-attivitajiet kulturali f'Malta, Għawdex u Kemmuna. Dawn l-ispazji, fost oħrajn, jinkludu toroq minn fejn jgħaddu l-purċissjonijiet reliġjużi u fejn isiru festi tradizzjonali, spazji miftuħa għal attivitajiet varji bħal; kant, żfin eċċ., ġonna u teatri.

3.03 Il-Kunsill irċieva lment mingħand il-Kunsillier Sonja Abela rigward Triq Tal-Bardan. Sid ta' garaxxijiet qed jitlob sabiex it-triq tinkesa bis-*cement*. Ġie deċiż li jiġi vverifikat jekk it-triq hijiex pubblika u jekk hija pubblika ssir talba lir-Roads Department.

3.04 Il-Kunsill innota artiklu b'ritratt fil-gazzetta 'Times of Malta' dwar materjal li ġie iddampjat f'passaġġ li minn Triq San Pawl jagħti għal fuq is-sies tal-Wied tax-Xlendi. Dan ix-xogħol qed isir minn ħaddiema tas-CMU.

3.05 Il-Kunsill irċieva invit għall-preżentazzjoni ta' ċertifikati ta' parteċipazzjoni tal-Iskema ta' Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar permessi li ngħataw mil-Land Department sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem Paradise Restaurant ta' Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, Ix-Xlendi.

3.07 Il-Kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar il-proġett ambjentali 'Get into Nature – Plant a Tree' minn Europe Direct sabiex fuq l-Għolja ta' Għammar jitħawlu siġar li huma msemmija fil-Bibbja. Kull siġra se tiswa €7 u l-Kunsill Lokali Il-Munxar ser iħawwel tnejn.

3.08 Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-Kumpanija Imex Malta Ltd sabiex issir l-attività Oktoberfest fix-Xlendi. Din l-attività ser issir mit-18 sal-20 ta' Settembru 2015 fi Pjazza l-Anfori. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jżomm 50 metru 'l bogħod mill-eqreb stabbiliment tal-ikel, u li s-Sibt, 19 ta' Settembru 2015 bejn id-9 ta' filgħaxija u l-11.30 ta' filgħaxija ma jsirx daqq ta' mużika peress li f'dak il-ħin ser ikun hemm grupp idoqq fi Triq ir-Rabat. Il-Kunsill ser jitlob *deposit* ta' €500.

3.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Public Contracts Review Board fejn qed jitolbu risposta għall-*objection* MXR/005/2015 – *Tender for the Upgrading and Rehabilitation of a path at Ix-Xlendi Bay*.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 07/15(31_08_15).

**5.00 Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.**

5.01 Il-Kunsill irċieva Memo 22/2015 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għax-xahar ta' Diċembru 2015. Ma' dan il-*memo*, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ta dettalji ta' din l-iskema permezz ta' linji gwida. Din is-sejħa hija għall-attività għax-xahar ta' Diċembru 2015 biss. Aktar 'il quddiem ser toħroġ sejħa oħra għas-sena 2016 kollha. Ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax għall-attività f'Diċembru 2015 iżda jekk jinstabu *sponsors*, issir attività f'Diċembru 2015.

**6.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

6.01 Il-bankijiet ta' max-xtajta twaħħlu. Twaħħlu wkoll il-bankijiet tar-*recycled material* u l-*planters*.
Il-ħajt tal-gagazza ta' Triq ir-Rabat tlesta u tpoġġiet iċ-ċangatura fuq il-wiċċ tal-ħajt.
Inbeda x-xogħol fuq il-wiċċ tal-bankina ta' Triq it-Torri.
L-iskips tħarrku u tpoġġew viċin il-*Bring-in-Site* peress li sid il-proprjetà oġġezzjona li jkun hemm *skips* maġenb il-proprjetà tiegħu.
Ir-restawr fuq l-istatwa ta' Sant'Indrija tlesta u l-fanal tranġa u beda jixgħel.
Instab post, viċin il-Knisja tax-Xlendi, fejn tista' ssir merħba *sign* u l-bnadar.
Tranġa l-ħajt ta' Triq il-Kappar u din it-triq ġiet imnaddfa.
Komplew jinbidlu *signs* fil-Munxar.
L-*information kiosk* li hemm qrib il-*bus shelter* ta' Pjazza l-Anfori ser tinqala' u titwaħħal viċin il-*bus shelter* ta' Triq San Xmun.

**7.00 Rapport tas-Sindku.**

7.01 Saret laqgħa mal-*Instructors* li ser jieħdu ħsieb il-lezzjonijiet tal-għawm. Ġie ffinalizzat kollox sabiex il-lezzjonijiet jibdew mis-17 ta' Awwissu 2015 iżda peress li parti mill-baħar ma kinetx tajba għall-għawm, l-ewwel lezzjoni saret fl-24 ta' Awwissu 2015.

7.02 Fix-Xlendi saret il-wirja tar-*Remote Control Power Boats*. Peress li fil-baħar kien hemm ħafna opri tal-baħar u nies jgħumu, ġie deċiż li s-*show* fuq il-baħar ma ssirx.

7.03 Il-logħob għal kulħadd li kien ippjanat li jsiru fix-Xlendi saru peress li nstabu żewġ timijiet li setgħu jikkompetu ma' xulxin.

7.04 Sar il-Festival taċ-Ċeramika u bħas-sena l-oħra dan kien suċċess. Waqt il-festival infetħet għall-pubbliku l-Mitħna Sotterranja u l-prezz tad-dħul kien ridott.

## 8.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt mat-Taqsima Public Cleansing għas-servizz ta' *bulky refuse* kien għalaq xi snin ilu u issa ġejna infurmati li s-servizz ser jingħata sal-aħħar ta' dan ix-xahar. Dan l-istess servizz ser jibda jingħata minn White Horse Recycling Ltd bil-prezz ta' €5.75 kull persuna li titlob dan is-servizz. Il-Kunsill intalab jagħżel ġurnata li jista' jingħata servizz u ġie deċiż li dan is-servizz isir is-Sibt. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jitlob jekk huwiex possibbli li ġbir ta' skart goff isir is-Sibt.

8.02 Wara li l-Kunsill kien talab lil Din l-Art Ħelwa sabiex it-Torri tax-Xlendi jgħadduh f'idejn il-Kunsill biss, issa l-Kunsill irid japplika għad-devoluzzjoni. Għaldaqstant, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill japplika sabiex it-Torri tax-Xlendi jkun devolut lill-Kunsill Lokali u b'hekk inkunu f'pożizzjoni li napplikaw għall-fondi tal-EU u jkun jista' jsir ir-restawr tat-torri.

8.03 Id-Dipartiment of Geosciences permezz tas-Seismic Monitoring & Research talbu sabiex ipoġġu apparat fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi biex jaraw jekk huwiex il-post adattat li jsir *Seismic Monitoring* f'Għawdex. Jekk ir-riżultati jkunu pożittivi u jħallu l-apparat hemmhekk, huma jkunu jistgħu jibdew iħallsu għat-*telephone* u l-*internet*. L-installazzjoni ssir minnhom. Kien hemm qbil dwar dan.

8.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kuntrattur KIP Gozo Ltd ma jridx jagħmel dikjarazzjoni dwar il-vettura li ma hijiex Euro4 jew aħjar u dan peress li l-Kunsilli l-oħra ma talbuhx jagħmel dan. Il-Kunsill kien ser jibqa' jinsisti għal din id-dikjarazzjoni jew inkella t-*tender* titwaqqa'.

## 9.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

9.01 Is-Sinjorina Sonja Abela ssuġġeriet li l-Kunsill iħeġġeġ lin-nies li jagħtu kotba li ma għandhomx x'jambuhom u jingħataw lil dawk li jkunu jridu jaqraw il-kotba. Bħalissa diġà qed isir hekk u kotba żejda qed jingħataw lil-Librerija tal-Parroċċa.

9.02 Is-Sur Damien Spiteri ssuġġerixxa li ssir mirja fi Triq Dun Spir Gauci biex tiggwida t-traffiku li joħroġ minn Triq Dun Alan Fenech. Kien hemm qbil u l-Kunsill ser japplika ma' Transport Malta.

Is-Sur Damien Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex Ġnien Ragalna jitnaddaf. Huwa ġie infurmat li qed jitnaddaf kull ġimgħa mill-ħaddiema tal-iskema.

Is-Sur Damien Spiteri ġie avviċinat mill-Grupp Żgħażagħ Pawlini Munxarin dwar proġett li jixtiequ li jagħmlu fil-Munxar. Huma jixtiequ li jżejnu l-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali u tidħol fir-*Records* ta' Malta. L-ispiża ser titla' għal €6,900 u qegħdin jitolbu lill-Kunsill jistax jisponsorja dan l-ammont jew parti minnu. Huwa fakkar li l-Kunsill kien diġà ħa sehem fir-*Records* tal-logħob tan-nar. Is-Sindku infurmatu li l-Kunsill ma jistax aktar jieħu sehem f'*Records* peress li l-iskema għall-attivitajiet kulturali tipprojbixxi li jsir dan.

9.03 Is-Sur Paul Curmi talab li jkun jaf x'inhi r-raġuni li l-laqgħa li kellha ssir fis-26 ta' Awwissu 2015 ma saretx u saret fil-31 ta' Awwissu 2015. Is-Sindku infurmatu li ma setgħetx tagħmel il-laqgħa għax kellha bżonn intervent kirurġiku.

Is-Sur Paul Curmi informa lill-Kunsill li jekk irid li jsiru tabelli sabiex jiġi mħares il-qanfud, għandha ssir talba lil Nature Trust.

Is-Sur Paul Curmi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ħitan tas-sejjieħ ta' Triq Ras il-Bajjada għadhom ma nbnewx. Is-Sindku kienet ser terġa' tkellem lit-Taqsima tas-CMU dwar dawn il-ħitan.

Is-Sur Paul Curmi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-karrijiet tad-dgħajjes tax-Xlendi għandhom jinġabru u mhux jitħallew fejn jieħdu postijiet ta' *parking* għall-karozzi.

**10.00 Materji oħra.**

10.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 23 ta' Settembru 2015, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmen Said**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***